MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Numru. 160/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Antonio Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Antonio Camilleri, iben Paul u Carmen nee Zerafa, imwieled Pieta nhar it-2 ta' Lulju 1971, residenti Binja Vista, Ent 1, Flt 6, Triq G. Dimech Debono, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita 310771 (M).

Akkuzat talli f'San Giljan u f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 t'April 2006 u matul l-erba' xhur qabel din id-data:

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra  milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti  bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, ghalkemm irid jinghad li huwa inqabad *red-handed* mill-pulizija, u li l-fedina penali tieghu sas-sena 2002 hija wahda pjuttost raffrettarja, izda wara l-2002 ma kellux izjed kundanni.

L-imputat diga inghata diversi opportunitajiet minn din il-Qorti, diversament preseduta, biex jirriforma ruhu, inkluz ordni ta' probation, liberta kondizzjonata u diversi sentenzi sospizi. Sfortunatament jirrizulta li minkejja dawn l-isforzi u l-opportunitajiet kollha, l-imputat rega' waqa' fil-vizzju tad-droga. Il-Qorti tosserva li minkejja li din il-Qorti tatu l-fakolta fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2011 sabiex jipprezenta nota ta' Ms Vicky Scicluna, rapprezentanta ta' l-Agenzija Sedqa dwar il-progress tieghu sabiex johrog mill-vizzju tad-droga, huwa naqas li jaghmel dan. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat inghata opportunitajiet bizzejjed biex jirriforma ruhu, u li ghandu jinghata piena effettiva.

In vista tal-fatt li mill-atti ma' jirrizultax li f'dan il-kaz gew inkorsi spejjez ghal hatra ta' esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2011, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi

konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------